MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 189/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-30 ta’ Awwissu 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom hamest itfal, D, F, G, C u H, ahwa B, li huma minorenni; li l-konvenut rrenda ruhu hati versu l-attrici ta’ sevizzi, eccessi u ngurji gravi, u li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabbilment b’ tort esklussiv tal-konvenut; li l-process tal-medjazzjoni kien inutili; ghalhekk l-attrici qeda titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija esklussiva tal-konvenut; [2] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri f’ idejn l-attrici, b’ access ghall-konvenut; [3] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici manteniment ghaliha,

u ghal uliedhom minuri; [4] tapplika, in toto jew in parte, fil-konfront tal-konvenut, l-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kap.16; [5] tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha; [6] tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali taghha; [7] tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut; bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat li l-konvenut debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli unikament lill-konvenut, kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi, mhux kontraddetti, jirrizulta li l-attrici zzewget lill-konvenut fit-30 ta' Awwissu 1991, meta allura, l-attrici, b' xaharejn tqala', kellha 19-il sena, u l-konvenut kellu 22 sena. Minn dan iz-zwieg ghandhom hamest itfal, D, F, G, C u H, ahwa B, li llum ghandhom rispettivament circa 18, 15, 11, 9 u 8 snin, u l-ahhar wild ghandu dizabilita'.

Illi mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali l-konvenut wera li kien insensittiv ghall-bzonnijiet ta' martu, u eventwalment anke ta' uliedu. Huwa ma kienx jimportah minn martu li allura kienet kostretta terfa' l-piz kollu tat-trobbija tat-tfal. L-attrici tirrakkonta li "meta nqbadt tqila ghat-tielet darba b' G ghamilli xenata kbira. Beda jghajjat u jissupervja."[1] Tghid li fis-sena 2005, meta allura l-

[1] Aff. Fol.22

konvenut beda jmur il-Casino, is-sitwazzjoni aggravat, billi huwa beda jkunu aktar possessiv u dominanti fuq martu u fuq uliedu, kien jghajjar lil martu u anke lit-tifla l-kbira ‘qahba’ u anke beda jerfa’ idejh fuq martu. Eventwalment is-sitwazzjoni aggravat sa’ tal-grad li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali, b’ uhud mit-tfal, u ssib refugju f’ Dar l-Ghabex. Dan kien fit-23 ta’ Dicembru 2006; izda peress li l-konvenut ma kienx qed jghaddilha flus ghal ghejxien taghha u tat-tfal, hi kienet kostretta li terga’ tirritorna lura fid-dar matrimonjali f’ Awwissu 2007. Is-sitwazzjoni baqghet l-istess, u minhabba ncidenti ohra ta’ vjolenza domestika, hija hadet id-decizjoni li tiftah il-proceduri odjerni.

L-attrici tghid li, meta l-konvenut beda jmur il-Casino, zdied l-inkwiet bejniethom, u eventwalment skopriet li huwa kien midjun mal-Malta Dairy Products fl-ammont ta’ circa LM75,000, liema dejn gie eventwalment sodisfatt billi l-konvenut ceda s-sehem tieghu fl-azjenda.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort unikament tal-konvenut, meta dana, ikkommetta sevizzi fil-konfront ta’ martu u ta’ uliedu, kif ukoll ingurji gravi, fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap precitat, stante li l-komportament abbuziv u illegali tieghu, abitwali u ripetut fuq medda ta’ zmien, irrenda l-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghall-attrici. Fic-cirkostanzi dan il-komportament ghandu jattira fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48, b’ applikazzjoni ta’l-artikolu 51 tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li l-interessi tal-minuri jiddettaw li dawn ikunu fdata fil-kura u kustodja esklussiva ta’ ommhom, l-attrici, li nonostante l-inkwiet kollu li ghaddiet minnu, dina baqghet tiehu hsiebhom.

Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri esklussivament f’ idejn l-attrici, takkorda access favur il-konvenut ghat-tfal minuri, G, C u H, darba matul il-gimgha mill-5.00 pm sat-8.00 pm, u darba fil-weekend, is-

Sibt/Hadd b' mod alternat, mid-9.30 am sat-3.30 pm, filwaqt li l-access ghal minuri F ikun wiehed konkordat mal-konvenut.

Fin-nuqqas ta' ftehim, dwar il-gurnata ta' l-access f' nofs il-gimgha, il-Qorti tordna li din tkun nhar ta' Erbgha.

**Manteniment**

Illi l-konvenut huwa obbligat li jhallas manteniment lill-attrici, peress li huwa l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, u wkoll peress li l-attrici ghad ghandha l-oneru tat-trobbija ta' tlett itfal zghar, b' wiehed minnhom ghandu dizabilita'; izda peress li, ghalkemm jirrizulta provat li l-konvenut jahdem bi qligh, u ghandu l-potenzjal li jggenera ntrojtu, ma tressqux provu dwar il-quantum tal-introjtu regolari tieghu, u ghalhekk, f' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti, filwaqt li tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob minghand il-konvenut manteniment ghaliha, qed tirrizerva li tiffissa l-quantum tar-retta alimentarja ghal gudizzju iehor.

Illi rigward il-manteniment ghat-tfal minuri, din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-konvenut jahdem bi qligh, u ghandu l-potenzjal li jiggenera ntrojtu, u wkoll tenut kont tal-fatt li l-obbligu tieghu li jmantni lil uliedu huwa wiehed assolut, din il-Qorti qed tiffissa retta alimentarja mensili ta' € 93 [ekwivalenti ghal LM40] ghal kull wild minuri, sakemm il-wild isir maggjorenni; u ghalhekk, fil-prezent, u rebus sic stantibus, il-konvenut qed jigi ordnat jhallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' € 466 [ekwivalenti ghal LM200] bhala manteniment ghal uliedu minuri, liema ammont ghandu jigi dedott mis-salarju jew paga mensili tieghu, jew minn kull beneficju/assistenza socjali li talvolta huwa jkun qed jippercepixxi, u jigi mibghut direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

Inoltre, tordna li kull beneficju/assistenza socjali dovut rigwardanti t-tfal minuri, ghandu jigi percepit esklussivament lill-attrici

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-assi tal-komunjoni jikkonsisti fis-segwenti:

[1] Id-dar matrimonjali – il-fond numru 81 'Millenium' fi Triq il-Fortizza, Mellieha, tal-valur ta' circa €349,406;
[2] L-ghamara u l-effetti mobbli l-ohra ezistenti go' l-imsemmi fond;
[3] Il-vettura tal-marka Peugeot.

Il-Qorti tordna li ssir is-segwenti assenjazzjoni:
[1] Illli d-dar matrimonjali tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena millum bi ftehim bejn il-partijiet; u, fil-kaz li dan ma jsehhx, tordna li, wara l-imsemmi perijodu, id-dar tinbiegh that l-awtorita' tal-Qorti, ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont; u wara li tkun inbieghet, ir-rikavat, wara li jitnaqqsu minnu l-kontijiet tad-dawl u ilma li ghadhom pendenti fiz-zmien ta' din is-sentenza, jinqasam bejn il-partijiet b' mod ugwali.

[2] Illi l-ghamara u l-effetti mobbli li hemm fid-dar, inkluzi dawk maqbudin bil-mandat ta' qbid numru 2005/08,[2] jinbighu that l-awtorita' tal-Qorti, wara li jigu stmati mill-istimatur Vincent Cilibert li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet, u r-rikavat, wara li jigi sodisfatt minnu d-debitu tal-komunjoni favur Benny Farrugia u Oscar Farrugia, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

[3] Il-vettura Peugeot, li fil-prezent tinsab fil-pussess ta' l-attrici, tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi rigward id-dejn pretiz minn Raymond B u martu, fl-ammont ta' LM50,000 u li dwaru hemm kawza pendenti quddiem il-qrati, il-Qorti tordna li jekk dan il-kreditu jigi eventwalment kanonizzat u konfermat mill-Qorti, allura dan ghandu jigi sopportat miz-zewg partijet fi kwoti wgwali bejniethom.

Illi rigward id-djun l-ohra, il-Qorti thoss li ma ngabux provi sodisfacenti.

**Decide**

[2] Fol. 80 *et seq.*

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’ tort esklussiv tal-konvenut;
[2] tilqa’ t-tieni talba, fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;
[3] tilqa’ t-tielet talba, limitatament u fit-termini, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[4] tilqa’ r-raba’ talba u tapplika in toto fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-artikolu 48[1], b’ applikazzjoni ta’ l-artikolu 51 tal-Kap.16;
[5] tilqa’ il-hames talba, u tiddikjara xjolta li komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjha skond kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;
[6] tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward;
[7] tilqa’ is-seba’ talba limitatament, billi tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali, ad eskluzjoni tal-konvenut, sa zmien sena millum, wara liema perijodu l-attrici qed tigi ordnata li tivvaka d-dar matrimonjali.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------